MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2011

Talba Numru. 38/2010

Korporazzjoni Enemalta

vs

Road Construction Co. Ltd. (C15677)

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fid-9 ta’ Settembru 2010, li jaqra hekk :-

‘Illi l-kumpanija konvenuta ghandha thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta’ elf sitt mija u disgha u sittin Euro u tnejn u erbghin centezmi ((€1,669.42) rapprezentanti danni kkagunati minnha f’taghmir tal-Korporazzjoni attrici nhar it-2 t’Awwissu 2008, fi Triq L-Ewropa, Rabat, Ghawdex ;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-2 t’Awwissu 2010, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tad-danni, u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.’ ;

Is-socjeta’ konvenuta permezz tar-risposta taghha pprezentata fit-8 ta’ Novembru 2010, eccepiet :-

‘Illi t-talbiet tal-konvenut huma nfondati fid-dritt u fil-fatt fil-konfront tal-attur, stante li l-esponenti b’ebda mod u manjiera ma tahti ghall-allegat incident tat-2 ta’ Awwissu 2008, fi Triq L-Ewropa, Victoria, Ghawdex, u ghalhekk ma ghandha ebda obbligu tirrizarcixxi xi danni allegatament sofferti mill-Enemalta Corporation per konsegwenza ta’ dak l-incident ;

Ghalhekk l-ispejjez ta’ dan l-avviz ghandhom jigu akkolati interament lill-attur ;

Salvi eccezzjonijiet ohra ;

Bl-ispejjez.’ ;

Sama’ l-provi ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;

Sama’ s-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet li ttrattaw il-kawza oralment ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Din il-kawza tirrigwarda hsara li saret f’wiehed mill-*cables* tal-*high tension* tal-Korporazzjoni Enemalta meta dan il-*cable* allegatament intlaqat u ixxortja waqt li kien qed isir xoghol fi Triq L-Ewropa, ir-Rabat, Ghawdex, mill-haddiema tal-kumpanija konvenuta, liema *cable* kien jinsab mirdum taht it-triq. Il-Korporazzjoni attrici qeghdha tattribwixxi r-responsabbilita’ ghal din il-hsara li saret lis-socjeta’ konvenuta Road Construction Co. Ltd., li fiz-zmien li sehh l-incident kienet qed taghmel xogholijiet in konnessjoni mal-progett tal-bini tal-iskola sekondarja tas-subien, u kienet qed thaffer trinka f’dik it-triq billi finalment kellu jsir *shifting* tal-*cables* tal-elettriku mill-medda minn

fejn kienu ghaddejjin taht l-art ghal go culvert tal-konkos li tqieghed taht it-triq f'parti ohra tat-triq, kif jirrizulta mill-*layout plans* dokumenti JM4 u JM5 a fol 47 u 48. L-incident sehh meta l-haddiema tas-socjeta' konvenuta gibdu bil-JCB kanna li kienet qed taqsam minn genb ghal iehor tat-triq li minnha kien ghaddej *cable* tal-elettriku li kien sar *redundant*, u waqt li kien qed isir dan il-kanna rasset ma' u kkrepat wiehed mill-*cables* tal-*high tension* tal-korporazzjoni attrici li kienu mghoddija minn fuq din il-kanna bil-konsegwenza li dan il-*cable* ixxortja u taret l-provvista tal-elettriku ta' parti mill-gzira t'Ghawdex. Ghalhekk il-korporazzjoni attrici qed titlob is-somma ta' €1,669.42 minghand din il-kumpannija  ghall-ispejjez tal-materjali u *labour cost* skond dokumenti JB1 u JB6 a fol. 34 u 40 ;

Minn naha l-ohra s-socjeta' konvenuta qed tichad li hija responsabbli ghal din il-hsara allegata, u ghall-hlas tad-danni reklamati mill-korporazzjoni attrici u ssostni li l-*cable* tal-elettriku li kien ghaddej minn gol-kanna li kien hemm taht it-triq tittraversa minn genb ghal iehor ta' Triq L-Ewropa ma kienx gie markat mill-haddiema tal-korporazzjoni meta marru jaghmlu l-marki qabel ma beda x-xoghol ta' tqattiegh tat-triq ghax-shifting tal-*cables*, u konsegwentement ma kenitx f'pozizzjoni li tkun taf  b'dan il-*cable* u bil-kanna li kienu qeghdin jaqsmu t-triq ;

Il-korporazzjoni attrici qed tikkontendi li ghalkemm kienet giet mitluba biex timmarka l-wicc tat-triq minn fejn kienu ghaddejjin minn taht l-art dawn il-*cables* fosthom dak li ntlaqat, ix-xogholijiet bil-JCB kienu qed isiru f'distanza ta' inqas minn 0.75 ta' metru mill-marki li kienu saru. Dan ikkonfermawh l-inginjier John Mizzi u Carmel Attard minn naha tal-Korporazzjoni Enemalta  li kienu minn tal-ewwel li waslu fuq il-post tal-incident. Fi kliem Camel Attard it-trinka kienet qed issir xi pied il-boghod minn fejn kienu ghaddejjin dawn il-*cables* tal-Korporazzjoni attrici u kien qed jintuza *heavy plant machinery* meta hija kundizzjoni li solitament timponi l-korporazzjoni fil-hrug tal-permessi ghat-thaffir tat-triq li ma jintuzax dan il-makkinarju qrib il-marki li tkun tat il-Korporazzjoni. Minkejja li l-inginjier Mizzi u Carmel Attard kienu taw struzzjonijiet specifici lil Joseph

Grima, wiehed mid-diretturi tal-kumpannija konvenuta, li kien qed ihaddem il-JCB biex ma jissoktax bix-xogholijiet sakemm imorru u jittrasferixxu l-provvista tal-elettriku ghal fuq *cables* ohrajn, jirrizulta kif *ex admissis* ikkonferma l-istess Joseph Grima, li x-xogholijiet issoktaw xorta wahda sakemm l-inginjier Mizzi u Carmel Attard regghu gew lura fuq il-post, u l-*cables* tal-*low* u l-*high tension* kienu gew mikxufin kollha filwaqt li l-kanna li kienet ghaddejha minn tahthom kienet giet imnehhija, u kienet tnehhiet ukoll il-JCB ;

Jirrizulta nkontestat mill-provi u dan sa jikkonfermah Joseph Grima, ix-xhud ewlieni minn naha tal-kumpanija konvenuta, li kienet is-socjeta' konvenuta li fil-hin tal-incident kienet qed taghmel ix-xoghol ta' skavazzjoni tat-triq fi Triq L-Ewropa, Rabat, Ghawdex. Ghalkemm kif xehed l-inginjier John Mizzi ma sab ebda permess li sar mis-socjeta' konvenuta biex taghmel skavazzjoni tat-triq, jirrizulta madnakollu li l-haddiema tal-korporazzjoni kienu marru u ghamlu l-marki fit-triq minn fejn kienu ghaddejjin il-*cables* u servizzi ohra tal-korporazzjoni attrici, u skond ix-xhud Brian Zammit sa kien immarka fit-triq minn fejn kien qed jaqsam il-*cable* li kien ghaddej minn gol-kanna li gibdet il-JCB, li sa ftit gimghat qabel kien qed jaghti l-provvista tal-elettriku lill-hanut ta' mastrudaxxa ta' certu George Azzopardi li jigi faccata tal-iskola li dak iz-zmien tal-incident kienet ghadha qed tinbena, u li kien sar *redundant* billi dan Azzopardi kien inghata provvista tad-dawl minn band'ohra, u cioe' mill-*overhead lines*. Minkejja li s-socjeta' konvenuta kellha dawn il-marki, jidher li ftit li xejn tat kazhom u skavat qrib hafna ta' dawn il-marki. Gie esibit estratt mill-kundizzjonijiet tal-permess li solitament taghti l-korporazzjoni attrici meta jintalab permess biex titqatta' t-triq u fost dawn il-kundizzjonijiet, li l-kumpannija konvenuta hija edotta sew minnhom billi hija wahda mill-kumpanniji ewlenin hawn Ghawdex li taghmel dawn ix-xogholijiet tat-toroq, hemm li :

'*The Contractor ….. whether requesting or executing works on whose behalf this permit is being issued ….. takes all the responsibility to take the necessary precautions to assure that the underground infrastructure*

*is not damaged. These precautions should include (but are not limited to) appropriate number of pilot holes to ascertain the whereabouts of the burried plant with the aim that no damage is caused. Furthermore, it is also being requested that the Contractor is to make use of the proper cable location equipment to avoid damage to the infrastructure*.'

'*The Contractor …. should be fully aware that Fibre Optic Cables, empty ducts and lightly loaded power cables laid beyond a certain depth cannot always be properly located. In this respect the Contractor has the full responsibility to use the appropriate excavating equipment, which does not cause any damage to this infrastructure. Hand tools are recommended for such works*.'

'*The Contractor …. shall not commence any works before :*

*a. The site survey has been carried out with the Enemalta Corporation employees.*

*b. Contractor signs site excavation form after Enemalta Corporation's cable attendant marks cable on site.*

*No mechanical equipment (power tool or plant) is to be used within 0.75m approach distance on each side of the maked cable zone width.*' ;

Dan in-nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta li ma tatx kaz il-marki u skavat l-art f'distanza anqas minn dik moghtija mill-korporazzjoni attrici, u aktar gravi minn hekk l-iskavazzjoni saret permezz ta' *heavy plant machinery*, ma jistax jiskolpa lis-socjeta' konvenuta mir-responsabbilita' taghha ghall-akkadut. Dejjem kien prudenti li s-socjeta' konvenuta tipprocedi bix-xogholijiet ta' thaffir b'aktar kawtela u taccerta ruhha li l-iskavazzjoni qrib il-marki ssir b'ingenji zghar jew manwalment. Indipendentement minn kwalsiasi' talba ghall-permess, is-socjeta' konvenuta kienet dejjem obbligata li tara li ma taghmilx hsara fix-xoghol li tkun qed taghmel ;

Skond l-Art. 1031 tal-Kap. 16 'kull wiehed iwiegeb ghall-hsara illi tigri bi htija tieghu'. Din il-hsara li tigri tobbliga lill-awtur tal-istess hsara ghar-rizarciment tad-danni subiti mit-terzi. Ukoll 'jitqies fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma

juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja' (Art. 1032(1), Kodici Civili). Biex jissussisti dan l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta' diligenza jrid ikun hemm il-prevedibilita` tal-event dannuz, 'prevedibilita` li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili.' (**Kollez Vol XLVIII.i.258**). Hu spjegat mill-awturi illi *"negligenza, infatti, altro non e` se non assenza di diligenza, imprudenza e` intesa come assenza di cautele; imperizia, come assenza di competenza professionale o come assenza di avvertenza"*: ara **Alpa** *"La Responsabilita` Civile"*, *Trattato di Diritto Civile, Milano* 1999 p.261 u **Franzoni** *"Le Obbligazioni da Fatto Illecito"*, Ed. Utet, 2004, p.42. Markatament, sew jekk si tratta minn rapport kontrattwali (ara Artikolu 1132 Kodici Civili) kif ukoll dak extrakontrattwali (Artikolu 1032(1)) id-dover tad-diligenza huwa marbut mal-kriterju tal-missier tajjeb tal-familja u dan jissinjifika illi hi imputabbli wkoll l-imgieba ommissiva f'min jonqos li jadotta mizuri ta' kawtela u ta' prudenza ghal fini li jkun evitat event dannuz lill-hwejjeg ta' haddiehor. Kif jinsab ritenut, '*quando invece si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avverdersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto.* [Appell Civili, **Pubblio Azzopardi vs Antonio Arcicovich et**, deciza fl-14 ta' Novembru 1919). "Hu rikjest fl-istess hin, pero`, li sabiex ikun hemm lok ghad-danni, irid jkun hemm in-ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpuz u l-konsegwenza dannuza. (**Kollez. Vol XLIV.i.343**). Hu accettat, li qabel ma jindahal ghal bicca xoghol, kuntrattur ghandu jkollu l-kapacita` teknika mehtiega (**Kollez. Vol XLII.i.517**) ;

Ghalhekk hu dmir tat-Tribunal li mill-indagini u ezami tal-provi prodotti jindividwalizza din ir-responsabilita'. Fil-kaz taht ezami s-socjeta' konvenuta kellha l-obbligu li tagixxi bi prudenza, diligenza u attenzjoni ta' missier tajjeb ta' familja u fejn kien hemm bzonn titlob l-informazzjoni u l-assistenza necessarja biex tkun tista' tahdem bla perikolu ghall-haddiema taghha u bla ma tikkawza hsara lill-hwejjeg tat-terzi. Hi setghet tipprevedi li jekk tiftah it-triq hi

tista tikkawza hsara lis-servizzi li jkun ghaddejin minn hemm, ikunu fejn ikunu. Dan ma kienx xi kaz fortwitu jew rizultat ta' forza magguri, lanqas ma kienet xi possibilita` remota jew inverosimili li ssib servizzi taht il-wicc tat-triq specjalment fejn it-tqattiegh sar f'parti mit-triq principali ;

Dan it-Tribunal hu tal-fehma li kienu n-nuqqasijiet tas-socjeta' konvenuta li wasslu ghal din il-hsara. Kif kienet osservat tajjeb il Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fill-kawza : **Ventura noe vs Vassallo noe**, deciza fis-27 ta' Gunju 2003, il-kuntrattur hu responsabbli li jottjeni l-permessi kollha u jiehu dawk il-mizuri kollha biex jassigura ruhu illi ma ssir ebda hsara lill-ebda struttura meta jkun qieghed jahdem fuq xi art ;

Hu prevedibbli li f'zona vicin l-abitat ikun hemm *cables* tal-elettriku taht l-art, daqs kemm hu prevedibbli li uzu ta' JCB qrib hafna il-marki moghtija mill-haddiema tal-korporazzjoni attrici jista' jaghmel hsara lill-istess art u l-*cables* li jkun hemm mghoddija taht l-art. Kien ghalhekk jinkombi fuq is-socjeta' konvenuta li tuza dik id-diligenza ta' *bonus paterfamilias* u tikkawtela kontra xi akkadut bhal dak li sehh f'dan il-kaz. Biex jikkonkludi, dan it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), moghtija fis-7 ta' Mejju 2004 fil-kawza : **Maltacom plc vs Carme Vella Ltd.**, fejn inghad illi : 'indipendentement pero` minn kwalsiasi' permess, il-fatt li l-kuntrattur ikun munit b'tali permess lanqas ma jista' jezentah mill-htija jekk dan il-fatt jokkorri u l-hsara tavvera ruhha.' ;

Il-Korporazzjoni attrici pprezentat prospett dettaljat dwar kif gie stabbilit l-ammont tal-ispejjez biex isewwiet il-hsara fuq il-*cable*. Xehedet Jacqueline Busuttil mid-Dipartiment tal-Accounts tal-Korporazzjoni attrici li spjegat u tat rendikont tal-ispejjez li kienu nvoluti biex giet imsewwija din il-hsara, liema spejjez bl-ebda mod ma gew ikkontestati mis-socjeta' konvenuta la dwar il-konsistenza taghhom u lanqas dwar il-korrettezza o meno taghhom. Ghalhekk fin-nuqqas ta' tali kontestazzjoni dwar il-*quantum* tad-danni dan it-Tribunal m'ghandu ebda raguni l-ghaliex m'ghandux iqis dan ir-rendikont bhala wiehed li

jirrapprezenta l-ispejjez li effettivament gew inkorsi mill-korporazzjoni attrici biex issewwiet il-hsara ;

Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi previa rigett tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talba tal-korporazzjoni attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma somma ta' elf sitt mija u disgha u sittin Euro u tnejn u erbghin centezmi ((€1,669.42), bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali, u cioe' mit-3 ta' Awwissu 2010, sad-data tal-pagament effettiv ;

Spejjez a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------